Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 28/2015AE

**Paul Borg**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Socjali**

Il-Gimgha, 8 ta' April 2016.

Ir-rikorrent appella minn decizjoni tal-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), tad-29 ta' Mejju 2015 fejn ikkonferma decizjoni tad-Direttur li ma kienx ghadu ntitolat ghall-ghajnuna socjali minhabba li naqas milli jaghti t-taghrif mitlub skond l-Artikolu 97 tal-Kap. 318. L-appellant ilmenta li l-Arbitru naqas milli jikkunsidra ghalfejn id-dokumenti ma kienux gew prezentati. L-appellant jilmenta li qatt ma rcieva l-ittra tad-Dipartiment peress li kien hemm problema ta' posta fil-blokk ta' appartament fejn jirrisjedi l-appellant. Isostni li kien ipprezenta d-dokumenti fit-28 ta' Jannar 2015. Inoltre hu kien qieghed regolarment jattendi ghall-kura fl-isptar u ghamel zmien meta ma kienx possibbli ghalih li johrog mid-dar. Inoltre ma nghatat l-ebda raguni ghalfejn l-Arbitru cahad l-appell.

L-appellat wiegeb u sostna li d-decizjoni tal-Arbitru kellha tigi konfermata.

Wara li l-qorti rat l-atti, tosserva:

1. L-appellant m'ghandux ragun jilmenta li l-Arbitru ma tax ragun ghalfejn cahad l-appell. Fil-fatt fid-decizjoni qal:

   *"Illi huwa minnu illi l-appellant inghata zmien bizzejjed biex jipproduci d-dokumenti li gew mitluba lilu mid-Dipartiment u ghaldaqstant id-decizjoni mehuda mid-Dipartiment fil-25 ta' Marzu 2015 hija wahda legalment korretta"*.

   Mill-*minute sheets* tad-Dipartiment jirrizulta li bejn 23 ta' Dicembru 2014 u 18 ta' Frar 2015, intbaghatu tlett avvizi bil-miktub lill-appellant sabiex jikkomunika mad-Dipartiment. Inoltre skond notament tad-District Manager, fl-10 ta' Marzu 2015 sar ukoll kuntatt mieghu bit-telefon fejn intalab jipprezenta dokument fir-rigward tal-istipendju. Dokument li baqa' ma giex prezentat.

   Mill-atti ma jirrizultax li l-appellant ressaq xi provi fir-rigward tal-kundizzjoni medika li ghaliha ghamel riferenza fl-ittra tad-9 ta' April 2015 u lanqas ma jirrizulta li ssemma xi haga dwar problemi biex jircievi ittri bil-posta fir-residenza tieghu. Ghalkemm fir-rikors tal-appell qal li kien ipprezenta dokument datat 28 ta' Jannar 2015, id-dokument kien semplici email li ufficjal tal-Universita baghatet lill-ufficjal tad-Dipartment u ma jidhirx li hemm l-informazzjoni li ried id-Dipartiment (ara l-minuta numru 43 datata 19 ta' Dicembru 2014). B'dik l-email pjuttost intalab taghrif ghan-nom tal-appellant u mhux jinghata t-taghrif li talab id-Dipartiment. Fil-minuta numru 47 jinghad: *"Clt had called on phone and I explained that we need a document from University re stipend. Clt failed to brinj document."* Hu evidenti li d-Dipartiment ried dokument ufficjali dwar l-introjtu li l-appellant kellu mill-Universita. Dokumenti li jidher li gew prezentati fil-mori tal-appell quddiem l-Arbitru.

2. Skond l-Artikolu 97 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318):-

*"(1)Tkun kundizzjoni tal-jedd ta' xi persuna ghal xi beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna moghtija taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li ……*

> *(b) tipproduci dawk ic-certifikati, dokumenti, informazzjoni u xiehda ghall-fini li jigi stabbilit il-jedd taghha ghal dak il-beneficcju, pensjoni, allowance, ghotja ghal korriment jew ghajnuna li d-Direttur jista', minn zmien ghal zmien, jehtieg u ghal dak il-ghan tmur f'dak l-ufficcju jew post kif id-Direttur jista' jistabbilixxi"*.

L-appellant kellu obbligu li jaghti t-taghrif mitlub. Jirrizulta li kien biss l-Arbitru li pprezenta xi dokumenti.

3. A bazi tal-fatti li kellu quddiemu l-Arbitru, ma tarax li seta' jasal ghal decizjoni differenti minn dik li wasal ghaliha. Ladarba l-appellant naqas milli jaghti t-taghrif mitlub u meqjus dak li nghad hawn fuq, l-appellat kellu dritt iwaqqaf il-beneficcju li kien qieghed jircievi l-appellant.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Billi l-appellant kien bl-ghajnuna legali m'hemmx ordni x'tinghata dwar l-ispejjez.**

Anthony Ellul.